MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1999/2004

**Talba Nru: 1999/04PBC**

**Engros Limited**

**Vs**

**Marthese Ambinette**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti merkanzija konsistenti anki f'*appliances*, *white goods* u oggetti ohra tad-dar mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta,

u in kwantu ghas-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) rapprezentati flus mislufa lill-istess konvenuta.

Ra li fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2007 is-socjeta' attrici rriduciet it-talba ghal mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) stante pagamenti ammontanti ghall-erbghin lira Maltin (Lm40).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------